MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 221/2014

**F (Advertising) Limited**

**vs**

**Victor Quintano**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Lulju 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, sebgha mija u wiehed u tletin Euro u disghin centezmu (€6,731.90) rapprezentanti servizzi rezi lill-intimati mis-socjeta rikorrenti skond skrittura privata iffirmata fl-24 ta' Jannar 2012.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' l-avviz.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fl-14 ta' Lulju 2014, kif jidher a fol 4 tergo.

Illi fis-seduta tad-29 ta’ Settembru 2014 is-socjeta’ attrici pprezentat nota ta' cessjoni fil-konfront tas-sorte filwaqt lli zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Illi, fis-seduta tas 6 ta' Novembru 2014, is-socjeta attrici ippresentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 8).

Rat illi fis-seduta ta' llum il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghadhom dovuti, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ispejjez tal-proceduri odjerni flimkien ma' dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------